(2) *L-Artikolu 4(2) u (3) tal-imsemmija deċiżjoni huwa annullat, sa fejn jirreferi għall-Artikolu 3 tagħha, fir-rigward ta' Artisjus.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż tal-proċedura prinċipali.*

(4) *Artisjus u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.*

---

([1]) ĠU C 301, 22.11.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' April 2013 — SOZA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-413/08)** ([1])

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Drittijiet tal-awtur dwar l-eżekuzzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiet mużikali bl-internet, bis-satellita u trażmissjoni mill-ġdid bil-cable — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tqassim tas-suq ġeografiku — Ftehim bilaterjali bejn is-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva nazzjonali — Prattika miftiehma li teskludi l-possibbiltà li jingħataw liċenzji multiterritorjali u multirepertorjali — Prova — Preżunzjoni ta' innoċenza")***

(2013/C 156/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Slovenský ochranný Zväz Autorský pre práva k hudobným dielam (SOZA) (Bratislava, Ir-Repubblika tas-Slovakkja) (rappreżentant: M. Favart, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, A. Biolan u J. Bourke, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti*: International Confederation of Societies of Authors and Composers (CISAC) (Neuilly-sur-Seine, Franza) (rappreżentanti: J. F. Bellis u K. Van Hove, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni C(2008) 3435 finali tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedimenti skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC).

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni C(2008) 3435 finali tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedimenti skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC), huwa annullat, għal dak li jirrigwarda lil Slovenský ochranný Zväz Autorský pre práva k hudobným dielam (SOZA).*

(2) *Il'kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 301, 22.11.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' April 2013 — Autortiesību un komunicēšanās konsultāciju aģentūra vs Latvijas Autoru apvienība vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-414/08)** ([1])

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Drittijiet tal-awtur dwar l-eżekuzzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiet mużikali bl-internet, bis-satellita u bit-trażmissjoni mill-ġdid bil-cable — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tqassim tas-suq ġeografiku — Ftehim bilaterali bejn is-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva nazzjonali — Prattika miftiehma li teskludi l-possibbiltà li jingħataw liċenzji multiterritorjali u multirepertorjali — Prova — Preżunzjoni ta' innoċenza")***

(2013/C 156/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Autortiesību un komunicēšanās konsultāciju aģentūra/Latvijas Autoru apvienība (Riga, l-Latvja) (rappreżentant: M. Favart, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u A. Biolan, aġenti)

*Partijiet intervenjenti in sostenn tar-rikorrenti:* International Confederation of Societies of Authors and Composers (CISAC) (Neuilly-sur-Seine, Franza) (rappreżentanti: J. F. Bellis u K. Van Hove, avukati); u European Broadcasting Union (EBU) (Grand-Saconnex, l-Isvizzera) (rappreżentanti: D. Waelbroeck, avukat, u D. Slater, solicitor)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38698 — CISAC).

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38698 — CISAC) huwa annullat, sa fejn Autortiesību un komunicēšanās konsultāciju aģentūra/Latvijas Autoru apvienība.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 313, 6.12.2008.